MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Numru 738/2001

**Il-Pulizija**
(Spettur Carmelo Bartolo)
**vs**
**Kim Degabriele**
**Martin Degabriele**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:-
Kim Degabriele, ta' 21 sena, iben Martin u Phyllis nee' Micallef, imwieled Luqa nhar is-26 ta' Awissu 1980 u li joqghod 'Marphy", Triq Geraldu Spiteri, Luqa, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 405480(m)
U
Martin Degabriele, ta' 47 sena, iben Spiridione u Josephine nee' Borg, imwieled Valletta nhar it-2 ta' Marzu

1954 u li joqghod “Marphy”, Triq Geraldu Spiteri, Luqa, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 226254(m)
Talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-28 ta’ Mejju 2001, halfu falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha bil-Ligi li jaghti il-gurament liema gurament kien mehtieg mill-ligi, jew ordnat b’sentenza jew b’digriet ta’ wahda mill-Qrati ta’ Malta;
Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi f’dawn il-Gzejjer iddenunzjaw lill-Pulizija esekuttiva reat li tafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jigi zgurat li dak ir-reat kien sar;
Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, bil-hsieb li jiksbu ghalihom infushom jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerdu ‘l hawn u ‘l hemm jew gharrqu b’xi mezz li jkun, hwejjighom;
Kif ukoll l-akkuza migjuba kontra Kim Degabriele wahdu talli nhar il-5 ta’ Gunju 2001 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu sitt ‘gambling machines’ u/jew accessorji taghhom, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.
Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti.
Rat li fis-seduta ta’llum l-akkuzati ammettew ghall-akkuzi migjuba kontrihom u l-Qorti wissithom xi tfisser ammissjoni.
Issibhom hatja.
Fil-konfront ta’ Kim Degabriele rat l-Artikoli 108 (1), 110 (2).
Fil-konfront ta’ Martin Degabriele rat l-Artikoli 108 (1), 110(2) kif ukoll li kellu sitt gambling machines u/jew accessorji taghhom.
Rat ukoll l-Artikolu 22 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li ser tapplika bit-tama li l-akkuzati ibiddlu it-triqat li qabdu u ghalhekk fil-waqt li ssibhom hatja tilliberahom taht l-imsemmi Artikolu, b’dan li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin m’illum. Il-Qorti qed tfisser lill-hatja l-import ta’ din is-sentenza.
Tordna l-konfiska ta’ l-imsemmija ‘gambling machines’ u/jew accessorji. Tordna r-rilaxx tal-van esebit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------